

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/129**tal-21 ta' Diċembru 2021****li jistabbilixxi regoli għat-tipi ta' intervent li jikkonċerna ż-żrieragħ żejtnin, il-qoton u l-prodotti sekondarji tal-produzzjoni tal-inbid skont ir-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u għar-rekwiżiti ta' informazzjoni, ta' pubbliċità u ta' viżibilità relatati mal-appoġġ tal-Unjoni u l-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 li jistabbilixxi regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li għandhom jifasslu mill-Istati Membri skont il-Politika Agrikola Komuni (Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK) u ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013 u (UE) Nru 1307/2013 ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikoli 11(2), 37(6), 59(8) u 123(5) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2021/2115 jistabbilixxi qafas legali ġdid għall-Politika Agrikola Komuni (PAK) biex itejjeb it-tweġġ tagħha tal-oġġettivi tal-Unjoni stabbiliti fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Dak ir-Regolament jispeċifika wkoll dawn l-oġġettivi tal-Unjoni li jeħtieġ jinkisbu mill-PAK u jiddefinixxi t-tipi ta' intervent kif ukoll ir-rekwiżiti komuni tal-Unjoni applikabbli għall-Istati Membri, filwaqt li jħalli l-flessibilità lill-Istati Membri fit-tfassil tal-interventi li jeħtieġ jiġu pprovduti fil-Pjanijiet Strateġiċi tagħhom tal-PAK. L-Istati Membri jridu jfasslu dawk il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK u jippreżentaw il-proposti tagħhom għal dawk il-pjanijiet lill-Kummissjoni. Għal dak l-għan, jeħtieġ li jiġu stabbiliti ċerti regoli ta' implimentazzjoni.
- (2) L-Artikolu 11(1) tar-Regolament (UE) 2021/2115 jgħid li meta l-Istati Membri jipprevedu interventi ibbażati fuq l-erja, għajr dawk li jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet tal-Anness 2 tal-Ftehim tad-WTO dwar l-Agrikoltura, inkluż l-appoġġ akkoppjat għall-introjt skont dak ir-Regolament, u meta dawk l-interventi jikkonċernaw iż-żrieragħ żejtnin kollha jew xi wħud minnhom imsemmija fl-Anness tal-Memorandum ta' Qbil bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerka dwar iż-żrieragħ żejtnin skont il-GATT ⁽²⁾, it-total tal-erja ta' appoġġ abbażi tal-outputs ipplanati inklużi fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tal-Istati Membri kkonċernati, ma jeħtieġx jaqbeż l-erja massima ta' appoġġ għall-Unjoni kollha għall-fini li tkun żgurata l-konformità mal-impenni internazzjonali tagħha. Għalhekk, il-Kummissjoni jeħtieġ tistabbilixxi erja ta' appoġġ ta' referenza indikattiva għal kull Stat Membru bħala sehem tal-erja massima ta' appoġġ għall-Unjoni kollha, li tikkorrispondi għal 7 854 446 ettaru, ikkalkulata abbażi tal-erja ta' kultivazzjoni medja fl-Unjoni matul is-snin 2016 sa 2020.
- (3) It-Titolu III, il-Kapitolu II, it-Taqsima 3, is-Subtaqsima 2, tar-Regolament (UE) 2021/2115 jipprevedi pagament speċifiku għall-għelejjel għall-qoton, li għalih erba' Stati Membri jeħtieġu jawtorizzaw l-art u l-varjetajiet ikkonċernati. Dawk l-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu regoli dettaljati f'dan ir-rigward. Madankollu, il-proċedura għal dawk l-awtorizzazzjonijiet jenħtieġ li tkun organizzata b'tali mod li tippermetti lill-bdiewa kkonċernati jirċievu notifiċi relatati mal-awtorizzazzjoni fi żmien xieraq qabel l-istaġun taż-żriġh li jmiss. Barra minn hekk, jixraq li tiġi stabbilita l-informazzjoni minima li jenħtieġ jinkludu dawk in-notifiċi.
- (4) F'konformità mal-Artikolu 58(1) tar-Regolament (UE) 2021/2115, fil-Pjanijiet Strateġiċi tagħhom tal-PAK, ċerti Stati Membri jeħtieġ jagħżlu tip ta' intervent wieħed jew aktar fis-settur tal-inbid, inkluż id-distillazzjoni tal-prodotti sekondarji tal-produzzjoni tal-inbid. Il-Kummissjoni jeħtieġ tistabbilixxi assistenza finanzjarja tal-Unjoni għal dak l-intervent.

⁽¹⁾ ĠU L 435, 6.12.2021, p. 1.⁽²⁾ ĠU L 147, 18.6.1993, p. 25.

- (5) F'konformità mal-Artikolu 123(2), il-punt (j), tar-Regolament (UE) 2021/2115, permezz ta' azzjonijiet xierqa ta' viżibilità, l-awtorità ta' ġestjoni jeħtieġ tiżgura li l-benefiċjarji tal-appoġġ finanzjat mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR), bl-eċċezzjoni tal-appoġġ skont interventi relatati mal-erja u mal-annimali, jirrikonossu dak l-appoġġ, inkluż bl-użu xieraq tal-emblema tal-Unjoni. F'konformità mal-Artikolu 123(2), il-punt (k), ta' dak ir-Regolament, l-awtorità ta' ġestjoni jeħtieġ li tiżgura li ssir pubbliċità għall-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK billi twettaq azzjonijiet ta' komunikazzjoni u ta' viżibilità għall-pubbliku ġenerali, għall-benefiċjarji potenzjali u għall-gruppi fil-mira rilevanti. Fl-aħħar nett, f'konformità mal-Artikolu 124(3), il-punt (f), tar-Regolament (UE) 2021/2115, l-awtorità ta' ġestjoni jeħtieġ li tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-kumitat tal-monitoraġġ, l-informazzjoni meħtieġa għall-kompitu li tiġi eżaminata l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet ta' komunikazzjoni u ta' viżibilità. Jixraq li jiġu stabbiliti kundizzjonijiet uniformi għall-applikazzjoni tar-rekwiżiti ta' informazzjoni, ta' pubbliċità u ta' viżibilità msemmija f'dawk id-dispożizzjonijiet.
- (6) Peress li l-Istati Membri jeħtieġ iqisu r-regoli stabbiliti f'dan ir-Regolament meta jkunu qed jiżviluppaw il-Pjanijiet Strateġiċi tagħhom tal-PAK, dan ir-Regolament jenħtieġ li jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.
- (7) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Agrikola Komuni,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2021/2115, għall-fini tat-tfassil u tal-implimentazzjoni tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tal-Istati Membri f'konformità ma' dak ir-Regolament, rigward:

- (a) l-erja ta' referenza indikattiva għal kull Stat Membru għall-finijiet tal-interventi relatati mal-erja li jikkonċernaw iż-żrieragħ żejtnin;
- (b) l-awtorizzazzjoni tal-art u tal-varjetajiet għall-finijiet tal-pagament speċifiku għall-għelejjel għall-qoton u n-notifika relatata magħha;
- (c) l-ammont ta' appoġġ għad-distillazzjoni tal-prodotti sekondarji tal-produzzjoni tal-inbid;
- (d) l-użu tal-emblema tal-Unjoni fil-qafas ta' ċerti interventi ffinanzjati mill-FAEŻR u r-rekwiżiti ta' informazzjoni, ta' pubbliċità u ta' viżibilità fir-rigward tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK u l-appoġġ tal-Unjoni riċevut abbażi tagħhom.

Artikolu 2

Erja ta' appoġġ ta' referenza indikattiva

L-erja ta' appoġġ ta' referenza indikattiva għal kull Stat Membru għall-finijiet tal-interventi relatati mal-art li jikkonċernaw iż-żrieragħ żejtnin imsemmija fl-Artikolu 11(1) tar-Regolament (UE) 2021/2115 hija stabbilita fl-Anness I ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Proċedura għall-awtorizzazzjoni tal-art u tal-varjetajiet għall-pagament speċifiku għall-għelejjel għall-qoton u n-notifika relatata magħha

1. Il-proċedura għall-awtorizzazzjoni tal-art u tal-varjetajiet għall-finijiet tal-pagament speċifiku għall-għelejjel għall-qoton skont it-Titolu III, il-Kapitolu II, it-Taqsima 3, is-Subtaqsima 2, tar-Regolament (UE) 2021/2115 għandha tkun organizzata b'tali mod li tippermetti lill-bdiewa kkonċernati jirċievu n-notifiki relatati mal-awtorizzazzjoni fi żmien xieraq qabel l-istaġun taż-żriġh.

Dik in-notifika għandha tinkludi mill-inqas l-informazzjoni li ġejja:

- (a) il-varjetajiet awtorizzati għaż-żriġh;
 - (b) il-kriterji għall-awtorizzazzjoni tal-art għall-produzzjoni tal-qoton kif stabbiliti mill-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 6 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/126 ⁽³⁾;
 - (c) id-densità minima tal-pjanti tal-qoton imsemmija fl-Artikolu 8 tar-Regolament Delegat (UE) 2022/126.
2. Meta Stat Membru jirtira awtorizzazzjoni eżistenti għal varjetà, il-bdiewa kkonċernati għandhom jiġu nnotifikati fi żmien xieraq qabel l-istaġun taż-żriġh tas-sena ta' wara.

Artikolu 4

Assistenza finanzjarja tal-Unjoni għad-distillazzjoni ta' prodotti sekondarji tal-produzzjoni tal-inbid

1. L-assistenza finanzjarja tal-Unjoni għad-distillazzjoni tal-prodotti sekondarji tal-inbid imsemmija fl-Artikolu 58(1), l-ewwel subparagrafu, il-punt (g), tar-Regolament (UE) 2021/2115 jeħtieġ titħallas lid-distillaturi, inkluż ammont f'somma f'daqqa biex tikkompensa għall-kostijiet tal-ġbir imsemmija fl-Artikolu 60(3), it-tielet subparagrafu, ta' dak ir-Regolament, ma għandhiex taqbeż:
- (a) għal alkoħol mhux raffinat miksub mill-ilbieba: EUR 1,1/% volum/hl;
 - (b) għal alkoħol mhux raffinat miksub mill-inbid u mill-karfa tiegħu: EUR 0,5/% volum/hl.
2. L-Istati Membri għandhom jiffissaw l-ammonti li jeħtieġ jitħallsu bħala assistenza finanzjarja tal-Unjoni abbażi ta' kriterji oġġettivi u nondiskriminatorji u billi jqisu t-tipoloġiji differenti tal-produzzjoni.

Artikolu 5

Emblema tal-Unjoni

L-Istat Membru u l-awtorità ta' ġestjoni għandha tuża l-emblema tal-Unjoni f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness II meta jwettqu l-attivitajiet ta' viżibilità, ta' trasparenza u ta' komunikazzjoni msemmija fl-Artikolu 123(2), il-punt (k), tar-Regolament (UE) 2021/2115. L-awtorità ta' ġestjoni għandha tiżgura wkoll li l-benefiċjarji jużaw l-emblema skont dan.

Artikolu 6

Rekwiżiti ta' informazzjoni, ta' pubbliċità u ta' viżibilità

Ir-regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-rekwiżiti ta' informazzjoni, ta' pubbliċità u ta' viżibilità msemmija fl-Artikolu 123(2), il-punti (j) u (k), tar-Regolament (UE) 2021/2115 kif stabbiliti fl-Anness III ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 7

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidhul fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

⁽³⁾ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/126 tas-7 ta' Diċembru 2021 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill b'rekwiżiti addizzjonali għal ċerti tipi ta' intervent speċifikati mill-Istati Membri fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom għall-perjodu mill-2023 sal-2027 skont dak ir-Regolament kif ukoll regoli dwar il-proporzjon għall-istandard 1 tal-kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba (KAAT) (Ara l-paġna 197 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' Diċembru 2021.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNEX I

Erja ta' appoġġ ta' referenza indikattiva msemmija fl-Artikolu 2

	<i>ħa</i>
Il-Belġju	7 295
Il-Bulgarija	711 954
Iċ-Ċekja	300 498
Id-Danimarka	114 000
Il-Ġermanja	846 779
L-Estonja	51 620
L-Irlanda	7 197
Il-Greċja	69 709
Spanja	559 382
Franza	1 525 286
Il-Kroazja	117 366
L-Italja	302 843
Ċipru	-
Il-Latvja	89 153
Il-Litwanja	154 217
Il-Lussemburgu	2 270
L-Ungerija	707 720
Malta	-
In-Netherlands	1 952
L-Awstrija	88 129
Il-Polonja	644 818
Il-Portugall	7 865
Ir-Rumanija	1 250 509
Is-Slovenja	4 059
Is-Slovakkja	184 603
Il-Finlandja	32 342
L-Iżvezja	72 880

ANNEX II

L-użu u l-karatteristiċi tekniċi tal-emblema tal-Unjoni (“l-emblema”)

1. L-emblema għandha tkun prominenti fuq il-materjali kollha ta' komunikazzjoni, bħall-prodotti diġitali jew stampati, is-siti web u l-verżjonijiet mobbli tagħhom fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' operazzjoni, li jintużaw għall-pubbliku jew għall-parteċipanti.
2. Id-dikjarazzjoni “Finanzjat mill-Unjoni Ewropea” jew “Kofinanzjat mill-Unjoni Ewropea” għandha dejjem tinkiteb b'mod sħiħ u titqiegħed ħdejn l-emblema.
3. It-tipa li jeħtieġ tintuża flimkien mal-emblema tista' tkun kwalunkwe waħda minn dawn il-fonts: *Arial*, *Auto*, *Calibri*, *Garamond*, *Trebuchet*, *Tahoma*, *Verdana* jew *Ubuntu*. Varjazzjonijiet bis-sottolinja jew bit-tipa korsiva, jew effetti tal-fonts ma għandhomx jintużaw.
4. Il-pożizzjonament tat-test fir-rigward tal-emblema bl-ebda mod ma għandu jinterferixxi mal-emblema.
5. Id-daqs tal-font użat għandu jkun proporzjonat għad-daqs tal-emblema.
6. Il-kulur tal-font għandu jkun “reflex blue”, iswed jew abjad skont l-isfond.
7. L-emblema ma għandhiex tiġi mmodifikata jew magħquda ma' elementi grafiċi jew testi oħra. Jekk jintwerew logos oħrajn apparti l-emblema, l-emblema għandu jkollha mill-inqas l-istess daqs, imkejjel f'għoli jew wisa', daqs l-akbar wieħed mil-logos l-oħrajn. Minbarra l-emblema tal-Unjoni, ma jridux jintużaw identitajiet viżivi jew logos oħrajn sabiex jintwera l-appoġġ mill-Unjoni.
8. Meta jkunu qed iseħħu diversi operazzjonijiet fl-istess post, appoġġati mill-istess strument ta' finanzjament jew oħrajn differenti, jew meta jingħata finanzjament ulterjuri għall-istess operazzjoni aktar tard, għandhom jintwerew mill-inqas plakka waħda jew kartellun wieħed.
9. Standards grafiċi għall-emblema u d-definizzjoni tal-kuluri standard:


(A) DESKRIZZJONI SIMBOLIKA

Fuq sfond lewn is-sema blu, jinsabu tna-x-il stilla tad-deheb jiffurmaw ċirku li jirrappreżenta l-unjoni tal-popli tal-Ewropa. L-għadd ta' stilel huwa fiss, peress li n-numru tna-x huwa s-simbolu tal-perfezzjoni u tal-unità.

(B) DESKRIZZJONI ARALDIKA

Fuq sfond ikħal, jinsab ċirku bi tna-x-il stilla tad-deheb li l-ponot tagħhom ma jmissux.

(C) DESKRIZZJONI ĠEOMETRIKA



L-emblema għandha l-forma ta' bandiera rettangolari blu, li l-wisa' tagħha huwa darba u nofs daqs l-għoli. Tna-x-il stilla tad-deheb li jinsabu f'intervalli ndaqs, jiffurmaw ċirku inviżibbli li ċ-ċentru tiegħu huwa l-punt fejn jaqsmu d-djagonali tar-rettangolu. Ir-radju taċ-ċirku huwa daqs terz tal-għoli tal-bandiera. Kull stilla għandha ħames ponot li jinsabu fuq iċ-ċirkonferenza ta' ċirku inviżibbli li r-radju tiegħu huwa daqs wieħed minn tmintax tal-għoli tal-bandiera. L-istilel kollha huma rashom 'il fuq, jiġifieri b'ponta vertikali u żewġ ponot f'linja dritta f'angoli retti mal-arblu. Iċ-ċirku huwa rranġat sabiex l-istilel jidhru fil-pożizzjoni tas-siġħat fuq il-wiċċ ta' arloġġ. In-numru tagħhom ma jinbidilx.

(D) IL-KULURI SKONT IR-REGOLAMENT

L-emblema għandha l-kuluri li ġejjin: PANTONE REFLEX BLUE għall-wiċċ tar-rettangolu; PANTONE YELLOW għall-istilel.

(E) PROĊESS B'ERBA' KULURI

Jekk jintuża l-proċess b'erba' kuluri, iridu jergħu jinħolqu żewġ kuluri standard billi jintużaw l-erba' kuluri tal-proċess b'erba' kuluri.

Il-PANTONE YELLOW jinkiseb bl-użu ta' 100 % "Proċess Yellow".

Il-PANTONE REFLEX BLUE jinkiseb b'taħlita ta' 100 % "Proċess Cyan" u 80 % "Proċess Magenta".

Internet

Il-PANTONE REFLEX BLUE jikkorrispondi fil-kulur tal-paletta tal-web RGB: 0/51/153 (eżadeċimali: 003399) u l-PANTONE YELLOW jikkorrispondi fil-kulur tal-paletta tal-web RGB: 255/204/0 (eżadeċimali: FFCC00).

PROĊESS TAR-RIPRODUZZJONI MONOKROMATIKA

Permezz tal-iswed, dawwar ir-rettangolu b'linja sewda u stampa l-istilel bl-iswed fuq l-abjad.



Il-blu (Reflex Blue) irid jintuża 100 % għall-istilel riprodotti fl-abjad negattiv.



RIPRODUZZJONI FUQ SFOND IKKULURIT

Jekk ma hemmx alternattiva għal sfond ikkulurit, qiegħed bordura bajda madwar ir-rettangolu, bil-wisa' tal-bordura jkun 1/25 tal-għoli tar-rettangolu.



Il-prinċipji tal-użu tal-emblema minn partijiet terzi huma stabbiliti fil-Ftehim Amministrattiv mal-Kunsill tal-Ewropa dwar l-użu tal-Emblema Ewropea minn pajjiżi terzi ⁽¹⁾.

(1) ĠU C 271, 8.9.2012, p. 5.

ANNEX III

Rekwiżiti ta' informazzjoni, ta' pubbliċità u ta' viżibilità**1. Azzjonijiet ta' komunikazzjoni u ta' viżibilità tal-awtorità ta' ġestjoni**

- 1.1. Għall-finijiet tal-Artikolu 123(2), il-punt (k), tar-Regolament (UE) 2021/2115, l-awtorità ta' ġestjoni għandha tiżgura li ssir pubbliċità għall-Pjan Strateġiku tal-PAK billi jiġu ppjanati u jitwettqu azzjonijiet rilevanti ta' komunikazzjoni u ta' viżibilità matul it-tnejn u l-implimentazzjoni tal-Pjan Strateġiku tal-PAK bl-għan li jiġu informati l-gruppi fil-mira msemmija f'dak il-punt.
- 1.2. Għall-finijiet tal-Artikolu 124(3), il-punt (f), tar-Regolament (UE) 2021/2115, l-awtorità ta' ġestjoni għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-kumitat ta' monitoraġġ, l-informazzjoni meħtieġa biex jitwettaq il-kompitu li tiġi eżaminata l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet ta' komunikazzjoni u ta' viżibilità.
- 1.3. L-awtorità ta' ġestjoni għandha tiżgura li fi żmien sitt xhur mid-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tapprova l-Pjan Strateġiku tal-PAK, ikun hemm sit web li fih tkun disponibbli l-informazzjoni dwar il-Pjan Strateġiku tal-PAK li hija responsabbli għalih, u jkun ikopri l-oġettivi, l-attivitajiet, l-opportunitajiet ta' finanzjament disponibbli kif ukoll il-kisbiet mistennija u dawk reali ladarba jkunu disponibbli. Is-sit web għandu jolqot lill-pubbliku ġenerali kif ukoll lill-benefiċjarji potenzjali kif imsemmija fl-Artikolu 123(2), il-punt (k), tar-Regolament (UE) 2021/2115.
- 1.4. L-awtorità ta' ġestjoni għandha tiżgura l-pubblikazzjoni tas-sit web imsemmi fil-punt 1.3, skeda ta' żmien tas-sejthiet ipplanati u l-iskadenzi għall-applikazzjonijiet, b'aġġornament mill-inqas tliet darbiet fis-sena, bid-*data* indikattiva li ġejja:
 - (a) iż-żona ġeografika koperta;
 - (b) l-intervent u l-oġġettiv(i) speċifiku/speċifiċi kkonċernati;
 - (c) it-tip ta' applikanti eliġibbli;
 - (d) l-ammont totali ta' appoġġ;
 - (e) id-data tal-bidu u tat-tmiem għall-preżentazzjoni tal-applikazzjonijiet.
- 1.5. F'konformità mal-Artikolu 123(2), il-punt (k)(i), tar-Regolament (UE) 2021/2115, l-awtorità ta' ġestjoni għandha tiżgura li l-benefiċjarji potenzjali jkollhom aċċess għall-informazzjoni kollha meħtieġa dwar l-opportunitajiet ta' finanzjament, inkluż il-kundizzjonijiet tal-eliġibilità, il-kriterji tal-għażla u r-rekwiżiti kollha għall-benefiċjarji magħżula għall-finanzjament, kif ukoll ir-responsabbiltajiet tagħhom.
- 1.6. L-awtorità ta' ġestjoni għandha tiżgura li l-benefiċjarji magħżula għall-finanzjament ikunu informati li l-appoġġ huwa kofinanzjat mill-Unjoni.
- 1.7. L-awtorità ta' ġestjoni għandha tiżgura li l-materjal ta' komunikazzjoni u ta' viżibilità, inkluż fil-livell tal-benefiċjarji, ikun disponibbli fuq talba lill-istituzzjonijiet, lill-korpi, lill-uffiċċji jew lill-aġenziji tal-Unjoni, u li liċenzja mingħajr royalties, mhux esklussiva u irrevokabbli għall-użu ta' dan il-materjal u kull dritt preeżistenti marbut miegħu, jingħataw lill-Unjoni f'konformità mat-tieni paragrafu. Dan ma għandux jeħtieġ kostijiet addizzjonali sinifikanti jew piż amministrattiv sinifikanti għall-benefiċjarji jew għall-awtorità ta' ġestjoni.

Il-liċenzja fuq id-drittijiet tal-proprjetà intellettuali msemmija fl-ewwel paragrafu, għandha tagħti lill-Unjoni mill-inqas id-drittijiet li ġejjin:

 - (a) użu intern, jiġifieri d-dritt li tirriproduċi, tikkopja u tqiegħed għad-dispożizzjoni l-materjali ta' komunikazzjoni u ta' viżibilità lill-istituzzjonijiet u l-aġenziji tal-Unjoni, lill-awtoritajiet tal-Istati Membri u lill-impjegati tagħhom;
 - (b) riproduzzjoni tal-materjali ta' komunikazzjoni u ta' viżibilità b'kull mezz u f'kull forma, b'mod sħiħ jew parzjali;

- (c) komunikazzjoni lill-pubbliku tal-materjali ta' komunikazzjoni u ta' viżibilità bl-użu ta' kwalunkwe u kull mezz ta' komunikazzjoni;
- (d) distribuzzjoni lill-pubbliku tal-materjali ta' komunikazzjoni u ta' viżibilità (jew kopji tagħhom) fi kwalunkwe u f'kull forma;
- (e) ħżin u arkivjar tal-materjali ta' komunikazzjoni u ta' viżibilità;
- (f) subliċenzjar tad-drittijiet dwar il-materjali ta' komunikazzjoni u ta' viżibilità lil partijiet terzi.

2. Viżibilità ta' ċerti operazzjonijiet appoġġati mill-FAEŻR

Għall-finijiet tal-Artikolu 123(2), il-punt (j), tar-Regolament (UE) 2021/2115, permezz tal-miżuri li ġejjin, l-awtorità ta' ġestjoni għandha tiżgura li l-benefiċjarji taħt l-interventi ffinanzjati mill-FAEŻR għajr l-interventi relatati mal-erja jew mal-annimali, jirrikonoxxu l-appoġġ mill-Pjan Strateġiku tal-PAK kif ġej:

- (a) billi fuq is-sit web uffiċjali tal-benefiċjarju, meta jkun jeżisti t-tali sit, u fuq is-siti uffiċjali tal-media soċjali, jipprovdu deskrizzjoni qasira tal-operazzjoni, proporzjonata mal-livell tal-appoġġ, inkluż l-għanijiet u r-risultati tagħha, u jenfasizzaw l-appoġġ finanzjarju mill-Unjoni;
- (b) billi jipprovdu dikjarazzjoni li tenfasizza l-appoġġ mill-Unjoni b'mod viżibbli fuq dokumenti u materjali ta' komunikazzjoni marbuta mal-implimentazzjoni tal-operazzjoni, maħsuba għall-pubbliku jew għall-parteċipanti, u jippreżentaw ukoll l-emblema tal-Unjoni f'konformità mal-karatteristiċi tekniċi stabbiliti fl-Anness II;
- (c) billi għall-operazzjonijiet li jikkonsistu fil-finanzjament ta' operazzjonijiet ta' infrastruttura jew ta' kostruzzjoni, li għalihom in-nefqa pubblika totali, jew il-kost totali fil-każ ta' appoġġ fl-għamla ta' strumenti finanzjarji, inkluż il-finanzjament tal-kapital operatorju, jaqbeż l-EUR 500 000, jesponu plakek durabbli jew kartelluni li jkun jidhru ċar mill-pubbliku, li jippreżentaw l-emblema tal-Unjoni f'konformità mal-karatteristiċi tekniċi stabbiliti fl-Anness II, hekk kif tibda l-implimentazzjoni fiżika tal-operazzjonijiet jew kif jiġi installat it-tagħmir mixtri;
- (d) billi għall-operazzjonijiet li jikkonsistu fl-investiment f'assi fiżiċi li ma jaqgħux taħt il-punt (c), li l-appoġġ pubbliku totali tagħhom jaqbeż l-EUR 50 000, jew li l-kost totali tagħhom jaqbeż l-EUR 500 000 fil-każ ta' appoġġ fl-għamla ta' strumenti finanzjarji, inkluż il-finanzjament tal-kapital operatorji, jesponu plakka spjegattiva jew skrin elettroniku ekwivalenti bl-informazzjoni dwar il-proġett, filwaqt li jenfasizzaw l-appoġġ finanzjarju mill-Unjoni, u jippreżentaw l-emblema tal-Unjoni f'konformità mal-karatteristiċi tekniċi stabbiliti fl-Anness II;
- (e) billi għall-operazzjonijiet li jikkonsistu f'appoġġ għall-operazzjonijiet LEADER, is-servizzi bażiċi u l-infrastruttura li ma jaqgħux taħt il-punti (c) u (d), li l-appoġġ pubbliku totali tagħhom jaqbeż l-EUR 10 000, jew li l-kost totali tagħhom jaqbeż l-EUR 100 000 fil-każ ta' appoġġ fl-għamla ta' strumenti finanzjarji, inkluż il-finanzjament tal-kapital operatorju, f'post viżibbli b'mod ċar mill-pubbliku jesponu mill-inqas poster wieħed b'daqs minimu ta' A3 jew skrin elettroniku ekwivalenti bl-informazzjoni dwar l-operazzjoni filwaqt li jiġi enfasizzat l-appoġġ mill-Unjoni. Plakka ta' spjegazzjoni għandha tkun installata wkoll fil-bini tal-gruppi ta' azzjoni lokali ffinanzjati minn LEADER.

Permezz ta' deroga mill-ewwel paragrafu, l-awtorità ta' ġestjoni għandha tiżgura kemm jista' jkun li f'każijiet fejn il-benefiċjarju jkun persuna fiżika, l-informazzjoni xierqa, b'enfasi fuq l-appoġġ mill-fondi, tkun disponibbli f'post viżibbli mill-pubbliku jew permezz ta' skrin elettroniku.

L-ewwel paragrafu, il-punti (a) u (b), għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-korpi li jimplementaw l-istrumenti finanzjarji ffinanzjati mill-FAEŻR.

L-ewwel paragrafu, il-punti (c), (d) u (e) għandhom japplikaw għar-riċevituri finali tal-istrumenti finanzjarji permezz tat-termini kuntrattwali previsti fil-ftehim ta' finanzjament kif imsemmi fl-Artikolu 59(5) tar-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾.

⁽¹⁾ Ir-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jstipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 159).